

Brussell, 13 ta' Ottubru 2022  
(OR. en)

13563/22

PECHE 398  
DELECT 183

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	13 ta' Ottubru 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	C(2022) 7280 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 13.10.2022 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 fir-rigward ta' miżuri tekniċi speċifiċi biex jitnaqqsu l-qabdiet aċċessorji tal-bakkaljaw fil-Baħar Baltiku

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2022) 7280 final.

Mehmuż: C(2022) 7280 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 13.10.2022  
C(2022) 7280 final

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta' 13.10.2022**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 fir-rigward ta' miżuri tekniċi speċifiċi biex  
jitnaqqsu l-qabdiel aċċessorji tal-bakkaljaw fil-Baħar Baltiku**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament (UE) 2019/1241<sup>1</sup> jistabbilixxi l-qafas ta' miżuri tekniċi li għandhom jikkontribwixxu għall-ksib tal-oġġettivi tal-PKS li s-sajd isir f'livelli ta' rendiment massimu sostenibbli, li jonqsu l-qabdiet mhux mixtieqa u li jiġi eliminat l-iskartar tal-ħut, u li jikkontribwixxu għall-ksib ta' status ambjentali tajjeb kif stabbilit fid-Direttiva 2008/56/KE<sup>2</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Tali miżuri tekniċi għandhom jikkontribwixxu għall-protezzjoni tal-ħut li għadu jikber u tal-ġlejjeb ta' speċijiet tal-baħar bl-użu ta' rkaptu selettiv. L-Anness VIII ta' dan ir-Regolament jistabbilixxi miżuri tekniċi reġjonali għall-Baħar Baltiku.

Meta l-Kummissjoni tkun inġhatat setgħat biex tadotta miżuri permezz ta' atti delegati, l-Artikolu 18 tar-Regolament Bażiku jipprevedi li l-Istati Membri li jkollhom interess ta' ġestjoni dirett jistgħu jressqu rakkomandazzjonijiet konġunti biex jilhqqu l-oġġettivi tal-miżuri ta' konservazzjoni rilevanti tal-Unjoni, il-pjanijiet pluriennali jew il-pjanijiet speċifiċi għall-iskartar.

L-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) 2019/1241 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 29 ta' dan ir-Regolament u mal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013<sup>3</sup> biex temenda, tissupplimenta, tħassar jew tidderoga mill-miżuri tekniċi stabbiliti fl-Annessi.

Skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, dan l-att delegat huwa bbażat fuq rakkomandazzjoni konġunta ppreżentata mid-Danimarka, mill-Ġermanja, mill-Estonja, mill-Latvja, mill-Litwanja, mill-Polonja, mill-Finlandja u mill-Iżvezja, l-Istati Membri tal-Baħar Baltiku ("BALTFISH"), f'Ottubru 2021.

### 2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

L-Istati Membri tal-Baħar Baltiku qablu dwar miżuri tekniċi speċifiċi biex inaqqsu kemm jista' jkun il-qabdiet inċidentali tal-bakkaljaw fis-sajd demersali li jimmira għall-pixxiċatt minħabba s-sitwazzjoni prekarja tal-istokkijiet tal-merluzz fil-Baħar Baltiku<sup>4,5</sup>. Fis-26 ta' Ottubru 2021, il-President tal-grupp reġjonali (il-Latvja) ressaq rakkomandazzjoni konġunta li tissuġġerixxi lista ta' rkapti tas-sajd ġodda biex jitnaqqsu l-qabdiet inċidentali tal-bakkaljaw b'mill-inqas 55 % meta mqabbel mal-irkapti ta' referenza. L-għan huwa li jitkompla s-sajd bit-tkarkir demersali filwaqt li jsir tentattiv biex jiġu minimizzati l-qabdiet inċidentali tal-bakkaljaw.

Fl-14 ta' Settembru 2021, BALTFISH ressuq din ir-rakkomandazzjoni konġunta għall-konsultazzjoni quddiem il-Kunsill Konsultattiv tal-Baħar Baltiku (BSAC). Fis-27 ta' Settembru 2021, il-BSAC wieġeb billi pprova kummenti preliminari u stieden lil BALTFISH għal laqgħa teknika konġunta biex jippreżentaw u jiddiskutu l-abbozz ta' rakkomandazzjoni konġunta f'livell tekniku. Il-BSAC u l-BALTFISH iltaqgħu fil-5 ta'

<sup>1</sup> ĠU L 198, 25.07.2019, p. 105.

<sup>2</sup> Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) (ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19).

<sup>3</sup> ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22.

<sup>4</sup> <https://www.ices.dk/sites/pub/Publication%20Reports/Advice/2021/2021/cod.27.24-32.pdf>

<sup>5</sup> <https://www.ices.dk/sites/pub/Publication%20Reports/Advice/2021/2021/cod.27.22-24.pdf>

Ottubru 2021 biex jiddiskutu d-dettalji tekniċi, il-parametri tas-selettività tal-irkaptu u kwistjonijiet rilevanti oħra tar-rakkomandazzjoni konġunta.

Il-Kummissjoni kkonsultat lill-Grupp ta' Esperti dwar is-Sajd u l-Akkwakultura fl-14 ta' Settembru 2022, f'laqgħa li għaliha attendew bħala osservaturi rappreżentanti tal-Parlament Ewropew.

L-STEFC ivvaluta r-rakkomandazzjoni konġunta matul il-plenarja ta' bejn il-15 u d-19 ta' Novembru 2021 (PLEN 21-03) u kkonkluda li l-karatteristiċi ta' selettività tal-irkapti kollha proposti huma mill-inqas ekwivalenti għall-irkapti ta' referenza u li l-qabdiet taħt id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni se jitnaqqsu meta mqabbla mal-irkapti ta' referenza attwali.

Abbażi ta' rakkomandazzjoni konġunta mressqa mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) 2019/1241, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra li mal-irkapti stabbiliti f'dan ir-Regolament Delegat iżżid irkapti tas-sajd alternattivi oħra li jnaqqsu l-qabdiet inċidentali tal-bakkaljaw b'mill-anqas 55 % meta mqabbla mal-irkapti ta' referenza.

L-effiċjenza tat-tnaqqis tal-qabdiet aċċessorji tal-irkapti rakkomandati jenħtieġ li tiġi evalwata perjodikament għaliex tiddependi fuq l-istruttura tat-tul tal-popolazzjoni tal-bakkaljaw. Għalhekk, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri BALTFISH, mit-tielet sena tal-applikazzjoni ta' dawn il-miżuri se tivvaluta jekk l-istruttura tat-tul tal-popolazzjoni tal-bakkaljaw ikollhiex impatt fuq l-effiċjenza tat-tnaqqis tal-qabdiet aċċessorji tal-irkapti l-ġodda.

### **3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT**

#### **Sommarju tal-azzjoni proposta**

L-azzjoni ġuridika ewlenija hija li jiġu adottati bidliet tad-dispożizzjonijiet attwali li huma stabbiliti fl-Anness VIII tar-Regolament (UE) 2019/1241. B'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet adottati jintroduċu għadd ta' apparati ta' selettività biex jitnaqqsu l-qabdiet inċidentali tal-bakkaljaw fis-sajd demersali fil-Baħar Baltiku.

#### **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) 2019/1241. Il-proposti fir-rakkomandazzjonijiet konġunti għandhom l-għan li jemendaw l-Anness VIII tar-Regolament (UE) 2019/1241.

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 13.10.2022

## li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 fir-rigward ta' miżuri tekniċi speċifiċi biex jitnaqqsu l-qabdiet aċċessorji tal-bakkaljaw fil-Baħar Baltiku

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(2) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness VIII tar-Regolament (UE) 2019/1241 jipprevedi miżuri tekniċi għall-Baħar Baltiku.
- (2) Id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, il-Finlandja u l-Iżvezja ("l-Istati Membri kkonċernati") għandhom interess ta' ġestjoni dirett fis-sajd fil-Baħar Baltiku. Fis-26 ta' Ottubru 2021, l-Istati Membri kkonċernati ressqu rakkomandazzjoni konġunta lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup> u l-Artikolu 15(3) tar-Regolament (UE) 2019/1241, li ttipponi l-adozzjoni ta' att delegat biex jiżiedu apparati ta' selettività ġodda fl-Anness VIII tar-Regolament (UE) 2019/1241.
- (3) Ir-rakkomandazzjoni konġunta ttipponi miżuri tekniċi speċifiċi għall-protezzjoni tal-istokkijiet tal-bakkaljaw tal-Baltiku, li huma eżawriti ferm skont il-valutazzjoni annwali tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar ("ICES")<sup>3 4</sup>, inkluża deroga mid-daqsijiet tal-malji permessi bħalissa. Għalhekk jenħtieġ li d-daqsijiet tal-malji biss li huma proposti f'dan ir-Regolament japplikaw fis-subdiviżjonijiet tal-ICES 22-26 għas-sajd demersali meta s-sajd dirett għall-bakkaljaw ikun ipprojbit.
- (4) L-Istati Membri kkonċernati qablu li meta s-sajd dirett għall-bakkaljaw ikun ipprojbit, jeħtieġ li l-qabdiet inċidentali tal-bakkaljaw jitnaqqsu meta jsir sajd għall-pixxiċatt fiż-żona prinċipali ta' distribuzzjoni tal-bakkaljaw tal-Baltiku (is-subdiviżjonijiet tal-ICES 22-26) b'mill-inqas 55 %, sabiex jiġi evitat aktar deterjorament ta' dawn l-istokkijiet.

<sup>1</sup> ĠU L 198, 25.07.2019, p. 105.

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

<sup>3</sup> <https://www.ices.dk/sites/pub/Publication%20Reports/Advice/2021/2021/cod.27.24-32.pdf>

<sup>4</sup> <https://www.ices.dk/sites/pub/Publication%20Reports/Advice/2021/2021/cod.27.22-24.pdf>

- (5) Għas-subdiviżjonijiet tal-ICES 22 sa 26, ir-rakkomandazzjoni konġunta tissuġġerixxi l-użu ta' apparat ta' selezzjoni "Roofless" li għandu jżied jew mal-irkapti ta' referenza, manka T90 modifikata (b'daq tal-malja ta' mill-inqas 125 mm u rinforz taċ-ċmusi bil-ħbula tat-tqassir tal-manka), jew ma' manka b'malji kwadri (li tikkonsisti f'żewġ pannelli u daqs minimu tal-malji ta' mill-inqas 125 mm).
- (6) Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd ("STECF") ivvaluta l-apparat "Roofless" f'Novembru 2021 u kkonkluda<sup>5</sup> li l-effiċjenza tat-tnaqqis tal-bakkaljaw hija oġġla minn 75 % meta l-apparat "Roofless" jiġi kkombinat mal-manka T90 modifikata jew mal-manka b'malji kwadri. Meta kkombinata mal-irkapti ta' referenza, l-effiċjenza tat-tnaqqis tal-qbid tkun oġġla minn 70 %. Skont l-STECF, l-apparat "Roofless" jirrilaxxa l-maġġoranza tal-bakkaljaw, irrISPettivament mid-daq tiegħu. Meta titqies l-evidenza dwar l-istatus tal-istokk, it-tnaqqis tal-mortalità ta' individwi tal-bakkaljaw huwa essenzjali biex jiġi appoġġat l-irkupru tiegħu.
- (7) Għas-subdiviżjonijiet tal-ICES 24 sa 26, ir-rakkomandazzjoni konġunta tipproponi, minbarra l-kombinazzjonijiet tal-irkaptu u l-apparat imsemmija hawn fuq, il-possibbiltà li tintuża waħedha l-manka T90 modifikata. L-STECF ikkonkluda li, għall-prestazzjoni ottimali, jenħtieġ li l-manka T90 modifikata tintuża flimkien mal-apparat ta' selezzjoni "Roofless". Madankollu, anki waħedha, it-T90 modifikata tnaqqas il-qabdiel inċidentali tal-bakkaljaw b'medja ta' 56 %.
- (8) Fir-rigward tal-manka b'malji kwadri, ir-rakkomandazzjoni konġunta ma tipproponix l-użu tagħha mingħajr l-apparat "Roofless" għaliex qatt ma tissodisfa l-mira meħtieġa għat-tnaqqis tal-qabdiel aċċessorji ta' mill-inqas 55 %.
- (9) B'mod ġenerali, l-STECF ikkonkluda li l-irkapti u l-kombinazzjonijiet proposti fir-rakkomandazzjoni konġunta huma mill-inqas ekwivalenti, f'termini ta' xejriet ta' sfruttament, għall-irkapti ta' referenza u li l-qabdiel taħt id-daq minimu ta' referenza għall-konservazzjoni se jitnaqqsu meta mqabbla mal-irkapti ta' referenza kif meħtieġ mill-Artikolu 15(4) tar-Regolament (UE) 2019/1241. Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/1241 jiġi emendat biex jinkludi dawk l-irkapti u l-kombinazzjonijiet.
- (10) L-STECF iddikjara wkoll li l-mira proposta ta' tnaqqis kwantitattiv tal-qabdiel aċċessorji ta' 55 % hija marbuta mal-istruttura tad-daq tal-popolazzjonijiet tal-bakkaljaw u tista' teħtieġ aktar aġġustamenti. Ir-rakkomandazzjoni konġunta pproponiet reviżjoni annwali tal-miżuri mit-tielet sena ta' applikazzjoni ta' dawk il-miżuri biex jiġi vvalutat jekk il-parametri tas-selettività humiex adattati għall-iskop tagħhom. Sabiex jiġi ffaċilitat il-ġbir tad-*data* f'dan ir-rigward, jenħtieġ li l-Istati Membri jżguraw li l-qabdiel li jsiru permezz ta' dan l-irkaptu jiġu rreġistrati separatament.
- (11) Dan ir-Regolament huwa kkomplementat mir-Regolament ta' Implimentazzjoni 2022/XXX li jstabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati ta' apparat ta' selettività biex jitnaqqsu l-qabdiel inċidentali tal-bakkaljaw fil-Baħar Baltiku.
- (12) Sabiex ikun hemm biżżejjed żmien biex il-bastimenti jiġu mgħammra b'apparati ta' selettività ġodda, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika minn 90 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu,

---

<sup>5</sup> <https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/14840948/STECF+PLEN+21-03.pdf/0909ec89-4bf6-4eeb-bb94-e2cf5a19bc92>

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness VIII tar-Regolament (UE) 2019/1241 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika minn [*Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġbok daħħal id-data ta' 90 jum wara l-pubblikazzjoni*]

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 13.10.2022

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

*Ursula VON DER LEYEN*